MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2011

Numru. 84/2008

**Il-Pulizija**
**Supretendent Carmelo Magri**

**vs**

**Joseph Borg**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Joseph Borg ta' 62 sena bin John u Maria Concetta nee' Abela mwieled Santa Venera fil-31 ta' Jannar 1946 u residenti 'St. Nicholas' Flat 8 Triq il-Konverzjoni San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta tal-identita' numru 120446 (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Matul ix-xahar ta' April 2003 u fix-xhur ta' qabel dan iz-zmien, fil-Mosta, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu mal-Kunsill

Lokali tal-Mosta, talab, ircieva, jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f' utli iehor, jew xi vantagg iehor, li ghalihom huwa ma kellux jedd bl-iskop sabiex jonqos li jaghmel dak li huwa fid-dmir tieghu li jaghmel.

Fl-istess dati u cirkostanzi, bhala ufficjal jew impjegat f' amministrazzjoni pubblika, jew impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk kellu kemm jekk ma kellux jedd li jesigi flus jew hwejjeg ohra bhal salarju tad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, illi, taht il-libsa tal-kariga tieghu, esiga dak li l-Ligi ma tippermettix jew izjed minn dak li tippermetti l-Ligi, jew qabel z-zmien li jmiss skond il-Ligi.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 26 ta' Frar, 2008 (esebit *a folio* 13 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-13 ta' Gunju, 2008 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Rat in-Nota ta' Riferenzi prezentata mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Ghall-habta ta' Mejju/Gunju 2003 Joseph Cassar, Tony Zammit u Paul Cutajar li sa dak iz-zmien kienu membri tal-kumitat tal-Koperativa Indafa Pubblika (KIP) marru jkellmu lis-Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Mosta sabiex jilmentaw dwar il-fatt li kienu qed jircievu hafna default notices u li bhala konsegwenza ta' dawn id-default notices kien qed jitnaqsilhom ammont konsiderevoli fix-xahar mill-ammont

li kien jithallas lilhom mill-Kunsill ghas-servizzi ta' gbir ta' skart u tindif tat-toroq li huma kienu jaghtu lil Kunsill abbazi ta' kuntratt li l-KIP kellha mal-istess Kunsill. Mix-xhieda ta' Joe De Martino[1] rrizulta li meta dawn il-membri tal-kumitat tal-KIP gew infurmati li dawn id-default notices kienu qed jinhargu il-ghaliex kienu qed jigu riskontrati diversi nuqqasijiet da parti taghhom huma allegaw li dawn id-default notices kienu qed jinhargu mill-imputat, li mill-provi rrizulta li fiz-zmien in dizamina kien impjegat bhala Works jew Contracts Manager mal-Kunsill Lokali tal-Mosta bl-inkarigu li jissorvelja u jirraporta dwar ix-xoghlijiet maghmula mid-diversi kuntratturi li kellhom kuntratt ta' xoghlijiet mal-Kunsill, ghaliex fil-passat huma kienu jghaddu xi flus lill-imputat sabiex jaghlaq ghajnejh dwar xi nuqqasijiet li kien ikun hemm da parti taghhom izda mbaghad huma waqfu jghaddulu dawn il-flus u huwa ghalhekk beda' johrog dawn id-default notices fil-konfronti taghhom. Mill-provi rrizulta li s-Sindku Joe Demartino irraporta dwar dawn l-allegazzjonijiet kemm lil Ministru koncernat, kif ukoll lid-Direttorat tal-Kunsilli Lokali[2] u sussegwentement il-kaz gie rrappurtat lil Pulizija sabiex jitkomplew l-investigazzjonijet min-naha taghhom.

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda tal-Ufficjal Investigattiv u Prosekutur f'dan il-kaz is-Supretendent (dak iz-zmien Spettur) Carmelo Magri[3] irrizulta li meta huwa kellem lill-imputat dwar dawn l-allegazzjonijiet li kienu qed isiru fil-konfronti tieghu huwa dejjem innega kategorikament li qatt kien ircieva xi flus minghand il-membri tal-Kumitat tal-KIP sabiex jonqos milli jaghmel xogholu anzi huwa sostna li kien jahseb li dawn l-allegazzjonijiet kienu qed isiru minn dawn il-membri tal-kumitat tal-KIP proprju sabiex itelfulu xogholu ghaliex huwa kien qed jaghmel xogholu sew u spjega li ghalkemm huwa ma kellux provi konkreti f'dan is-sens kien qed jissuspetta li xi hsarat volontarji li kienu saru fuq il-vettura

[1] Li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-13 ta' Gunju 2008 u rega' xehed in kontro-ezami waqt l-udjenza tal-21 ta' Jannar 2010.
[2] Ara korrispondenza relattiva nserita a fol. 23 sa 26 tal-atti processwali.
[3] Li xehed in ezami waqt l-udjenza tat-13 ta' Gunju 2008 u in kontro-ezami waqt l-udejnza tat-2 ta' Ottubru 2009.

tieghu f'zewg okkazzjonijiet separati setghu saru proprju minhabba dan il-fatt[4]. L-Ufficjal Prosekutur spjega li proceduri separati ittiehdu fil-konfronti tal-membri tal-kumitat tal-KIP li allegaw li taw dawn il-flus lill-imputat u li l-proceduri odjerni inbdew fl-2008 wara li gew konkluzi dawk il-proceduri. Il-Qorti tixtieq tirrileva f'dan ir-rigward li mill-atti processwali ma jirrizultax x'kien l-ezitu tal-proceduri li ttiehdu fil-konfronti tal-membri tal-kumitat tal-KIP li allegatament taw flus lill-imputat sabiex fil-kariga tieghu ta' ufficjal pubbliku huwa ma jaghmilx xogholu.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri xehdu tlett membri tal-kumitat tal-KIP. Fl-udjenza tas-6 t'Ottubru 2008 xehed Joseph Cassar fejn spjega li fil-perijodu in dizamina huwa kien membru tal-Kumitat tal-KIP fejn dan qal li l-KIP kienet qed tircievi hafna default notices mill-Kunsill Lokali tal-Mosta u dan kien ifisser li x-xoghol u s-servizzi offerti minnhom ma kienux qed isiru kif suppost u skond l-obbligi kuntrattwali taghhom. Dan ix-xhud qal li huwa ma setghax jifhem il-ghala kienu qed jinhargu dawn id-default notices kollha, liema default notices kienu qed jinhargu mill-imputat bhala Contracts and Works manager impjegat mal-Kunsill Lokali tal-Mosta, u dan peress li l-KIP kellha persuna impjegata apposta, certu Joseph Debono, li xogholu kien li jara li x-xoghol isir u jsir kif suppost. Dan ix-xhud jghid li ghal din ir-raguni f'gurnata vicin id-data li fiha jkun hemm il-festa tal-Mosta huwa flimkien ma John Micallef, li kien manager mal-KIP, u Joseph Debono kienu ltaqghu mal-imputat ghal-habta tal-11.00am fil-pjazza tal-Mosta u ghaddewlu Lm50 sabiex 'jiehu drink' u sabiex jaghlaq ghajnejh ghaliex kien qed jaqbad maghhom. Dan ix-xhud qal ukoll li jista' jkun li f'dik l-okkazjoni kien hemm maghhom Paul Cutajar, l-President tal-KIP. Dan ix-xhud qal ukoll li l-imputat talabhom paga fix-xahar sabiex jiehu hsieb in-nies tal-KIP u malli din l-offerta ma gietx accettata mill-KIP l-istess KIP bdiet tircievi default notices ta' madwar Lm1,400 fix-xahar.

[4] L-istqarrija tal-imputat tinsab inserita a fol. 16 sa 18 tal-atti processwali.

Paul Cutajar, il-President tal-Kumitat tal-KIP, li xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-28 ta’ Novembru 2008 qal li ghal perijodu ta’ ghaxar snin shah il-KIP ma kinitx tircievi default notices mill-Kunsill Lokali tal-Mosta izda mbaghad f’daqqa wahda huma bdew jircievu hafna default notices u ghalhekk saret laqgha mas-Sindku tal-Kunsill sabiex tigi risolta din il-kwistjoni. Dan ix-xhud sostna li kien hemm okkazzjoni li l-ewwel jghid li kienet vicin il-festa u mbaghad jghid li kienet fil-Milied fejn huma taw Lm50 lill-imputat bhala donation sabiex forsi jieqfu jinhargu d-default notices. Huwa jghid li kien prezenti f’din l-okkazjoni wahda biss fejn inghataw il-flus lill-imputat u li ma kienx a konoxxenza ta’ ebda arrangjament iehor mal-imputat.

Fit-28 ta’ Novembru 2008 xehed ukoll Tony Zammit li qal li meta huwa sar membru tal-KIP intqal lilu li precedentement kienu nghataw xi flus lill-imputat izda huwa qal li qatt ma ghadda flus lill-imputat u l-anqas qatt ma kien prezenti meta ghaddew xi flus lill-imputat.

Fl-udjenza tas-26 ta’ Frar 2009 xehed John Micallef li spjega li huwa ghamel perijodu ta’ tlett snin seconded bhala manager tal-KIP u li kien waqaf minn din il-kariga fl-ahhar ta’ Frar 2003. Huwa insista li kemm dam jahdem mal-KIP qatt ma jaf li nghataw xi flus lill-imputat anzi sostna li kien jaf lill-istess imputat bhala bniedem tal-affari tieghu hafna li jkun konsistentment fuq il-lant tax-xoghol u jirraporta n-nuqqasijiet li jirriskontra. Huwa qal ukoll li l-KIP kellhom persuna impjegat apposta li kienu jhallsuh Lm450 fix-xahar sabiex jissorvelja x-xoghol fuq id-distrett tal-Mosta u sabiex jiffrankaw il-paga ta’ din il-persuna huwa kien issuggerixxa li jimpjegaw lill-imputat part time ghall-kwarta kuljum sabiex jiehu r-rassenja u jqassam il-haddiema. Huwa qal li dan l-arrangjament qatt ma mmaterjalizza u qatt ma sar kliem dwar x’kellu jithallas l-imputat li kieku accetta li jaghmel dan ix-xoghol. John Micallef qal ukoll li l-KIP ma kienx ikollha petty cash stante li l-pagamenti lilha kienu kollha jsiru permezz ta’ cheques u ghalhekk ma jarax kif l-imputat seta’ jithallas in kontanti u qal ukoll li meta kien manager hu, qatt ma nhargu cheques pagabbli lill-imputat.

Ikkunsidrat:

Illi kif diga intqal aktar il'fuq l-imputat irrilaxxja stqarrija fejn cahad kategorikament li kien qatt ircieva xi flus minghand il-KIP sabiex ma jaghmilx xogholu. L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri[5] fejn huwa rega' cahad b'mod assolut li kien ircieva xi flus. Huwa spjega li kien ilu jaghmel ix-xoghol ta' Contracts Manager mal-Kunsill Lokali tal-Mosta madwar erbatax il-sena u qal li precedentement kien Pulizija. Huwa spjega li ghall-bidu ma kienx ikun hemm hafna problemi jew nuqqasijiet da parti tal-KIP izda imbaghad il-Kunsill beda' jircievi hafna lmenti minghand ir-residenti u huwa beda' jirriskontra diversi nuqqasijiet da parti tal-KIP fejn ma kienx qed isir gbir f'certu areas u fejn il-haddiema ma kienux jirrapportaw ghax-xoghol. L-imputat spjega li ghall-ewwel huwa kien johrog id-default notices ghall-area ghaliex il-Mosta kienet maqsuma fi tmien areas izda mbaghad inghata struzzjonijiet sabiex id-default notices jinhargu ghal kull triq u mhux biss ghal kull area u din kienet wahda mir-ragunijiet ghalfejn zdied in-numru tad-default notices. L-imputat spjega wkoll li kien hemm zmien fejn John Micallef il-manager tal-KIP kien staqsih jekk kienx dispost li jidhol jahdem part time maghhom bejn is-7.00 a.m. u s-7.30 a.m. sabex jaghmel rassenja tal-impjegati tal-KIP u jara li kulhadd kien jirraporta ghax-xoghol izda l-imputat spjega li huwa qatt ma ta risposta ghal din l-offerta li saritlu f'aktar minn  okkazzjoni wahda u dan kien ghas-semplici raguni li kien jaf li l-KIP kienu sejrin hazin u li kien ikun inutli li huwa jikkunsidra din l-offerta ta' impjieg part time f'dawk ic-cirkostanzi. Irid jigi rilevat li l-imputat kien semma din l-offerta anki meta rrilaxxja l-istqarrija.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri l-imputat jinsab akkuzat bir-reati kontemplati fl-Artikoli 115 u 112 tal-Kodici Kriminali. Minn ezami tal-atti processwali jirrizulta evidenti li l-Prosekuzzjoni qed tibbaza l-kaz taghha fil-konfronti tal-

[5] Huwa xehed waqt l-udjenza tad-19 ta' Mejju 2010.

imputat fuq dak li xehdu Joseph Cassar u Paul Cutajar fil-konfronti tal-imputat. Il-Qorti tghid minghajr ebda tlaqliq li ghandha dubji serji dwar il-kredibilita’ ta’ dawn iz-zewg xhieda u dan jinghad mhux biss ghaliex hemm kunflitt bejn dak li jghidu huma u c-cahda kategorika da parti tal-imputat ghal dak allegat mill-imsemmija zewg xhieda izda anki ghaliex hemm kunflitt bejn dak li qal Cassar min-naha l-wahda u dak li qal Cutajar min-naha l-ohra u inoltre ghaliex mix-xhieda ta’ John Micallef li kien il-manager tal-KIP jirrizulta l-oppost ta’ dak li qalu Cassar u Cutajar. Dwar il-kunflitt bejn dak li qalu Cassar u Cutajar rispettivament jigi spjegat li filwaqt li Cutajar qal li Cassar jghid li l-Lm50 inghataw lill-imputat ghaliex kienu qed jinhargu hafna default notices da parti tieghu u sabiex huwa jaghlaq ghajnejh Cutajar min-naha l-ohra jghid li kien hemm perijodu ta’ ghaxar snin shah fejn ma bdewx jinhargu enforcement notices u mbaghad meta bdew jinhargu l-imputat inghata donation ta’ Lm50 sabiex forsi jaghlaq ghajnejh. Cassar isemmi li l-Lm50 inghataw lill-imputat f’gurnata qrib il-festa ta’ Santa Marija filwaqt li Cutajar l-ewwel isemmi l-festa imbaghad jghid li l-flus inghataw fil-Milied. Cassar jghid li l-imputat kien talab li jithallas paga sabiex jiehu hsieb in-nies tal-KIP u li kien biss meta din l-offerta ma gietx accettata da parti tal-KIP li bdew jinhargu kwantitajiet kbar ta’ enforcement notices filwaqt li Cutajar jghid li ma jaf xejn dwar ebda arrangjament iehor mal-imputat. Filwaqt li Joseph Cassar jghid li fl-okkazzjoni meta allegatament inghataw il-Lm50 lill-imputat kien hemm prezenti John Micallef u Joseph Debono u forsi anki Paul Cutajar, John Micallef jichad b’mod kategoriku li qatt inghataw xi flus da parti tal-KIP lill-imputat u jippreciza li huwa dejjem kien jaf lill-imputat bhala bniedem tal-affari tieghu u li jirraporta n-nuqqasijiet li kien jirriskontra. Dwar l-offerta tax-xoghol part-time lill-imputat, John Micallef jikkorrobora dak li qal l-imputat fir-rigward u mhux dak li qal Joseph Cassar.

Fid-dawl ta’ dan kollu li ghadu kemm gie spjegat il-Qorti ghandha dubji serji dwar il-kredibiilta’ ta’ Paul Cutajar u ta’ Joseph Cassar u jidrilha li huwa ferm probabbli li dawn l-imsemmija xhieda ghamlu l-allegazzjonijiet fil-konfronti tal-imputat propju ghaliex huwa kien qed jaghmel xoghlu u

jirraporta n-nuqqasijiet taghhom u sabiex jippruvaw inehhuh min-nofs sabiex jevitaw li jhallsu d-default notices li kienu qed jircievu liema default notices kienu qed jagravaw ulterjorment is-sitwazzjoni finanzjarja gja prekarja tal-KIP.

Il-Qorti tirrileva ulterjorment li minn ezami ta’ dak allegat minn Cutajar u minn Cassar fil-konfronti tal-imputat huwa pjuttost evidenti li huma kienu komplici fir-reati li taghhom l-imputat qed jigi akkuzat, fil-fatt l-Ufficjal Prosekutur preciza li l-Prosekuzzjoni stenniet li jigu konkluzi l-proceduri fil-konfronti taghhom qabel ma ntavolat il-proceduri odjerni. Isegwi ghalhekk li f’dan il-kaz ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 639(3) tal-Kodici Kriminali liema Artikolu jipprovdi s-segwenti:-

“*Meta l-uniku xhud kontra l-akkużat dwar xi reat fi proċess li jinstema’ quddiem il-ġurati tkun persuna kompliċi, il-Qorti għandha tagħti direttiva lill-ġurati biex jiżnu x-xiehda li dak ix-xhud jagħti b’kawtela qabel ma jserrħu fuqha u jaslu biex isibu ħati lill-akkużat*”.

Il-Qorti jidrilha li fil-kaz odjern ix-xhieda ta’ Paul Cutajar u Joseph Cassar in kwantu xhieda ta’ komplici u in kwantu mhux korroborati minn ebda xhieda ohra, anzi kif diga intqal aktar il’fuq ix-xhieda taghhom giet kontradetta minn John Micallef, ma tistghax tittiehed in konsiderazzjoni ghal finijiet ta’ sejbien ta’ htija u dan il-ghaliex l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li Cassar u Cutajar ghamlu l-allegazzjonijiet fil-konfronti tieghu sabiex jippruvaw jippregudikawlu xoghlu proprju ghaliex huwa kien qed jaghmel xoghlu u jirraporta l-varji nuqqasijiet kuntrattwali da parti tal-KIP minnu riskontrati. Il-Qorti jidrilha li x-xhieda ta’ Paul Cutajar u ta’ Joseph Cassar wahidha in kwantu dak li qalu mhux korroborat minn hadd aktar m’hijiex bizzejjed sabiex jitqies li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-kaz taghha kontra l-imputat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------